**Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni**

**Post ta' Għalliem fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni**

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR) jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti interessati li l-ebda forma t'abbuż fuq it-tfal m'huwa tollerat. Fil-proċess tar-reklutaġġ, l-MEYR jimxi mal-Liġi Sussidjarja 327.546 (Regolamenti tal-2016 dwar ir-Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obbligatorja).

1.1 Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Għalliem fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni.

1.2. L-applikanti jistgħu japplikaw għall-post ta' Għalliem f'wieħed jew aktar mis-suġġetti li jidhru hawn taħt:

1. Edukazzjoni Primarja (Ġenerali) / Edukazzjoni fi Snin Bikrin (ECEC);
2. Edukazzjoni Primarja (Programm Preparatorju għall-Istudenti Internazzjonali);

3. Edukazzjoni Sekondarja (Agribusiness);
4. Edukazzjoni Sekondarja (Computing);
5. Edukazzjoni Sekondarja (Teknoloġija tal-Inġinerija);
6. Edukazzjoni Sekondarja (Etika);
7. Edukazzjoni Sekondarja (Hairdressing u Beauty);
8. Edukazzjoni Sekondarja (Saħħa u Kura Soċjali);
9. Edukazzjoni Sekondarja (Ospitalità);
10. Edukazzjoni Sekondarja (Teknoloġija tal-Informatika u l-Komunikazzjoni - ICT);
11. Edukazzjoni Sekondarja (Programm Preparatorju għall-Istudenti Internazzjonali);
12. Edukazzjoni Sekondarja (Media Literacy);
13. Edukazzjoni Sekondarja (Żvilupp Personali, Soċjali u fil-Karriera - PSCD);
14. Edukazzjoni Sekondarja (Retail);
15. Edukazzjoni Sekondarja (Xjenza);
16. Edukazzjoni Sekondarja (Moda u Tessuti);
17. Edukazzjoni Sekondarja (Teknoloġija tal-Informatika Vokazzjonali - VIT);
18. Edukazzjoni Sekondarja (Studji tan-Negozju);
19. Edukazzjoni Sekondarja (Ċiniż);
20. Edukazzjoni Sekondarja (Żfin);
21. Edukazzjoni Sekondarja (Studji Soċjali);

22. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Accounting);
23. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Għarbi);
24. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Arti);
25. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Bijoloġija);
26. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Kimika);
27. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Reċtar / Theatre u Performance);
28. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Disinn u Teknoloġija);
29. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Ingliż);
30. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Studji Ewropej);
31. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Franċiż);
32. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Ġografija);
33. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Ġermaniż);
34. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Komunikazzjoni Grafika);
35. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Storja);
36. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Ekonomija għad-Dar - HE);
37. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Taljan);
38. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Malti);
39. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Matematika);
40. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Mużika);
41. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Edukazzjoni Fiżika - PE);
42. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Fiżika);
43. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Reliġjon);
44. Edukazzjoni Sekondarja/Post-Sekondarja (Spanjol);

45. Edukazzjoni Post-Sekondarja (Studji Klassiċi)
46. Edukazzjoni Post-Sekondarja (Computing u/jew Informazzjoni Teknoloġika - IT);
47. Edukazzjoni Post-Sekondarja (Ekonomija);
48. Edukazzjoni Post-Sekondarja (Engineering Drawing u Computer Aided Design);
49. Edukazzjoni Post-Sekondarja (Xjenza Ambjentali);
50. Edukazzjoni Post-Sekondarja (Marketing);
51. Edukazzjoni Post-Sekondarja (Filosofija);
52. Edukazzjoni Post-Sekondarja (Psikoloġija);
53. Edukazzjoni Post-Sekondarja (Soċjoloġija);
54. Edukazzjoni Post-Sekondarja (Systems of Knowledge);

1.2.1. Suġġett tal-Programm għal Tagħlim Alternattiv (ALP) għall-edukazzjoni mainstream jew skola/skejjel speċifiċi

55. Edukazzjoni Sekondarja (Arti u Disinn);
56. Edukazzjoni Sekondarja (Auto Mechanics);
57. Edukazzjoni Sekondarja (Automotive Repair - Body u Paint);
58. Edukazzjoni Sekondarja (Servizzi tal-Bini);
59. Edukazzjoni Sekondarja (Care Work);
60. Edukazzjoni Sekondarja (Xogħol fl-Injam);
61. Edukazzjoni Sekondarja (Customer Care u Bejgħ);
62. Edukazzjoni Sekondarja (Installazzjonijiet Elettriċi u Elettronika Bażika);
63. Edukazzjoni Sekondarja (Multi-Media);
64. Edukazzjoni Sekondarja (Plumbing);
65. Edukazzjoni Sekondarja (Fuħħar u Ċeramika);
66. Edukazzjoni Sekondarja (Sheet Metal/Blacksmith);
67. Edukazzjoni Sekondarja (Welding u Fabrication);

1.2.2. Suġġett tal-Edukazzjoni Speċjali kif provdut fl-Iskola Primarja San Miguel, Skola Sekondarja Guardian Angel, Skola Helen Keller (Primarja/Medja/Sekondarja/Post Sekondarja), Skola Dun Manwel Attard Wardija (Primarja/Medja/Sekondarja/Post Sekondarja), Skola Guze' Aquilina Sannat (Primarja/Medja/Sekondarja/Post Sekondarja) u Reach Units.

68. Edukazzjoni Speċjali (Ġenerali)

1.2.3. Skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta, persuna magħżula li l-qasam ewlieni ta' speċjalizzazzjoni tagħha hu:

- Fl-Accounting jew fl-Ekonomija tista' tkun mitluba tgħallem ukoll Studji tan-Negozju u/jew Retail;
- l-Istudji tan-Negozju tista' wkoll tkun meħtieġa biex tgħallem r-Retail, l-Accounting u l-Ekonomija;
- Fil-Bijoloġija, Kimika jew Fiżika tista' tkun mitluba tgħallem ukoll Xjenza;
- Id-Disinn u Teknoloġija tista' wkoll tkun meħtieġa biex tgħallem l-Komunikazzjoni Grafika;
- Fl-Engineering Drawing u Computer Aided Design (CAD) tista' tkun mitluba tgħallem ukoll Komunikazzjoni Grafika;
- Computing u Teknoloġija tal-Informatika Vokazzjonali (VIT) tista' tkun mitluba tgħallem ukoll l-ICT;
- Il-Komunikazzjoni Grafika tista' tkun mitluba tgħallem ukoll Disinn u Teknoloġija;
- Moda u Tessuti bi krettu ECTS rilevanti għall-Ekonomija għad-Dar (HE) tista' tintalab tgħallem ukoll l-Ekonomija għad-Dar (HE);
- Fix-Xjenza bi krettu ECTS rilevanti għall-Kimika tista' tintalab tgħallem ukoll il-Kimika;
- Fix-Xjenza bi krettu ECTS rilevanti għall-Bijoloġija tista' tintalab tgħallem ukoll il-Bijoloġija;
- Fix-Xjenza bi krettu ECTS rilevanti għall-Fiżika tista' tintalab tgħallem ukoll il-Fiżika;
- Fil-Malti tista' tkun mitluba tgħallem ukoll il-Malti bħala Lsien Barrani kull fejn jiġi offrut.

1.3. Persuna magħżula li l-qasam ewlieni ta' speċjalizazzjoni tagħha huwa Arti, Etika, Xjenza, Mużika, PE, PSCD jew Reċtar (Sekondarja/Post-Sekondarja) tista' wkoll tintalab tgħallem is-suġġett rispettiv fiċ-Ċiklu tal-Primarja u Kindergarten u skejjel/ unit imsemmija f 'para 1.2.2.

1.4. Persuna magħżula li l-qasam ewlieni ta' speċjalizazzjoni tagħha huwa kwalunkwe mis-suġġetti mgħallma fil-livell sekondarju u/jew Post-Sekondarju fi klawsola 1.2 hawn fuq tista' wkoll tkun meħtieġa tgħallem is-suġġett rispettiv fiċ-Ċentri tas-Sapport ta' Tagħlim u/jew skejjel li joffru Programmi għal Tagħlim Alternattiv.

1.5. Persuna magħżula li tkun ingaġġata biex tgħallem il-Programm Preparatorju għall-Istudenti Internazzjonali, tista' tkun meħtieġa li tgħallem aktar minn suġġett wieħed fi ħdan dan il-programm.

1.6. Jekk suġġett li bħalissa huwa mgħallem f'ċiklu partikolari u jibda jiġi mgħallem f'ċiklu differenti, persuna magħżula tista' tiġi trasferita skont il-ħtieġa.

1.7. Persuna magħżula tista' tintalab li tagħmel kwalunkwe taħriġ speċjali kif meħtieġ.

**Termini u Kundizzjonijiet**

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' probabtion/ prova ta' sena (1), fuq bażi indefinit full-time u suġġetta għar-regoli u regolamenti li jirregolaw minn żmien għal żmien is-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali u l-MEYR b'mod partikolari, inkluż id-deployment skont l-esiġenzi tas-servizz.

Madanakollu, jekk u meta tinħoloq vakanza ta' natura temporanja, il-MEYR jista' jingaġġa Għalliem fuq bażi definita, sal-aħħar tas-sena skolastika 2026/2027, u minn dakinhar li l-persuna taċċetta tibda tissejaħ Għalliem Temporanju. F'każijiet bħal dawn, dan l-ingaġġ jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont il-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat "Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Terminu ta' Żmien Fiss", dwar kuntratti għal żmien fiss, peress li dan ir-reklutaġġ huwa ta' natura temporanja. Il-perijodu ta' prova għandu jkun ta'sena (1) u huwa suġġett għar-regoli u r-regolamenti li jirregolaw minn żmien għal żmien is-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali u l-MEYR b'mod partikolari, inkluż id-deployment skont l-esiġenzi tas-Servizz.

2.2. Persuna fil-grad ta'Għalliem Temporanju jitqiegħed fuq il-minimu ta' Skala ta' Salarju 9, li fis-sena 2026, huwa ta' €28,701.02 fis-sena, u tkun intitolata għal benefiċċji oħra u suġġetta għal kundizzjonijiet u obbligi oħra kif stipulat fil-Ftehim iffirmat bejn il-Gvern ta' Malta u l-Malta Union of Teacher (MUT) fil-15 ta' Lulju 2024 . Dan l-impjegat għandu jibbenefika minn żidied inkrimentali. Iżda Għalliema Temporanji jistgħu jintalbu jwettqu dmirijiet ta' Form Teacher u/jew dmirijiet oħra kif imfisser fis-sezzjoni dwar Pastoral Care għall-istudenti. Iżda wkoll jekk ikun hemm vakanza permanenti, Għalliema Temporanji jistgħu jiġu offruti l-possibilita' 'li jipprogressaw għal grad ta' Għalliem b'kuntratt indefinit skont ir-Regolamenti dwar is-Servizz Pubbliku.

2.3. Is-salarju ta' Għalliem huwa ta' Skala ta' Salarju 9, li fis-sena 2026, huwa ta' €28,701.02 fis-sena, li jiżdied b'€447.33 fis-sena sa massimu ta' €31,385.00. Dan is-salarju huwa supplementat b'benefiċċji l-oħra u suġġetta għal kundizzjonijiet u obbligi oħra kif stipulat fil-Ftehim iffirmat bejn il-Gvern ta' Malta u l-Malta Union of Teacher (MUT) fil-15 ta' Lulju 2024.

2.4. Persuna fil-grad ta' Għalliem bi kwalifika sħiħa fit-tagħlim (suġġetta għal minimu ta' 90 krettu ECTS, jew ekwivalenti*) fil-Livell ta' Masters (Livell 7 tal-MQF) titla' fi Skala ta' Salarju 8 (€30,405.02 x €486.83 - €33,326.00 fis-sena 2026) wara sentejn (2) servizz sodisfaċenti fil-grad, u fi Skala ta' Salarju 7 (€32,158.00 x €531.17 - €35,345.02 fis-sena 2026) wara ħames (5) snin oħra servizz sodisfaċenti fi Skala ta' Salarju 8.

*Kwalifika ta' Masters rikonoxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS hija aċċettata biss bil-kundizzjoni li dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent tal-Masters mill-MQRIC tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-klawsola 5.4 tad-dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali). Kwalifika ta' Masters rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'inqas minn 60 krettu ECTS hija aċċettabbli sakemm jiġi verifikat mill-MQRIC jew l-Universita' ta' Malta li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli ma' mill-inqas 60 krettu ECTS.

2.5. Persuna fil-grad ta' Għalliem b' Ċertifikat Post Graduate fl-Edukazzjoni (PGCE) miksub fl-2016 jew qabel, jew b' Baċellerat fl-Edukazzjoni (Hons.) mill-Universita ta' Malta miksub fl-2019 jew qabel titla' fi Skala ta' Salarju 8 (€30,405.02 x €486.83 - €33,326.00 fis-sena 2026) wara sentejn (2) servizz sodisfaċenti fil-grad, u fi Skala ta' Salarju 7 (€32,158.00 x €531.17 - €35,345.02 fis-sena 2026) wara ħames (5) snin oħra servizz sodisfaċenti fi Skala ta' Salarju 8.

2.6. Persuna fil-grad ta' Għalliem bi kwalifika sħiħa fit-tagħlim (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS, jew ekwivalenti**) fil-livell ta' Degree (Livell 6 tal-MQF) titla' fi Skala ta' Salarju 8 (€30,405.02 x €486.83 - €33,326.00 fis-sena 2026) wara tlett (3) snin servizz sodisfaċenti fil-grad, u fi Skala ta' Salarju 7 (€32,158.00 x €531.17 - €35,345.02 fis-sena 2026) wara ħames (5) snin oħra servizz sodisfaċenti fi Skala ta' Salarju 8.

2.7. Persuna fil-grad ta' Għalliem b' First Degree f' Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS, jew ekwivalenti**) u kwalifika ta' tagħlim kif rikonoxxuta mill-Management minn żmien għal żmien, titla' fi Skala ta' Salarju 8 (€30,405.02 x €486.83 - €33,326.00 fis-sena 2026) wara tlett (3) snin servizz sodisfaċenti fil-grad, u fi Skala ta' Salarju 7 (€32,158.00 x €531.17 - €35,345.02 fis-sena 2026) wara ħames (5) snin oħra servizz sodisfaċenti fi Skala ta' Salarju 8.

**Kwalifika ta' Baċellerat komparabbli rikonoxxuta, kif applikabbli, hija aċċetta biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-klawsola 5.4 tad-dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali). Kwalifika ta' Baċellerat rikonoxxuta mill-Universita' ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'inqas minn 180 krettu ECTS hija aċċettabbli sakemm jiġi verifikat mill-MQRIC jew l-Universita' ta' Malta li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli mal-minimu ta' 180 krettu ECTS.

2.8. Persuna magħżula li tipprovdi esperjenza ta' tagħlim skont :

- L-Addendum tal-Moviment Ħieles tal-ħaddiema fi ħdan l-iStati Membri tal-UE (26 ta' Settembru 2013) u/jew
- Il-Ftehim biex Tiffaċilita l-Moviment għall-Edukaturi bejn Skejjel Liċenzjati (29 ta' Lulju 2015)

tkun eliġibbli għall-aġġustament ta' salarju skont l-entitlement.

2.9. Persuna magħżula li taċċetta li tibda l-impjieg fl-1 ta' Settembru 2026, tkun meħtieġa tattendi seminar ta' induzzjoni ta' tlett ijiem li jinkludi Sezzjonijiet ta' Induzzjoni Nazzjonali ta' qabel is-servizz. Il-persuna magħżula tkun meħtieġa tattendi sezzjoni ta' induzzjoni bbażata fuq kulleġġ ta' qabel is-servizz mal-Kap tan-Netwerk tal-Kulleġġ, kif ikkomunikat mill-uffiċċju tal-Kap tan-Netwerk tal-Kulleġġ rispettiv matul ix-xahar ta' Settembru 2026. Wara dan, il-persuna magħżula tkun meħtieġa tattendi s-Sessjonijiet ta' Induzzjoni Nazzjonali ta' qabel is-servizz bejn it-23 u l-25 ta' Settembru 2026. Dawn is-sessjonijiet obbligatorji huma parti mill-programm ta' induzzjoni għall-għalliema li għadhom kif ikkwalifikaw u għall-għalliema li għadhom kif ġew ingaġġati.

2.10. Il-ħatra bħala Għalliem tkun suġġetta għat-tlestija b'suċċess tal-kors rilevanti msemmi f'paragrafu 4.3 sal-31 ta' Diċembru 2026. In-nuqqas li tingħata din l-evidenza jwassal għat-tneħħija mill-ordni tal-mertu tal-lista tar-riżultat u jiġi tterminat l-impjieg bħala Għalliem. Hija tinħatar bħala Għalliem Supplimentari skont is-sejħa ta' Għalliem Supplimentari ppubblikata fl-2026 F'każijiet bħal dawn l-ingaġġ ikun fuq bażi definita, sal-aħħar tas-sena skolastika 2026/2027.

2.11. Persuna magħżula li ma jkollhiex Warrant ta' Għalliem (Permanenti), tkun eliġibbli li tikseb Warrant ta' Għalliem (Permanenti), skont l-Artikolu 24 (2) tal-Att dwar l-Edukazzjoni. Impjieg lil hinn minn dan il-perijodu jkun suġġett għall-pussess ta' dan il-Warrant skont l-Artikolu 24 (1) tal-istess Att.

2.12. Il-ħatra tal-persuna magħżula hija suġġetta għall-kisba ta' Warrant ta' Għalliem (Permanenti). In-nuqqas li jinkiseb il-Warrant ta'Għalliem (Permanenti) ifisser revoka ipso facto tal-ħatra skont ir-Regolament Nru. 23 tar-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (L.S. Const. 01).

2.13. Persuna magħżula tkun meħtieġa li tlesti proċess ta' induzzjoni b'suċċess, kif stipulat mid-Direttorat tar-Riżorsi Edukattivi (ER). L-għoti tal-konferma tal-ħatra, normalment wara sena, u/jew l-kisba ta' Warrant ta' Għalliem (Permanenti) skont l-Artikolu 24 jew 41 tal-Att dwar l-Edukazzjoni, ma jeżentawx lill-persuna magħżula milli twettaq b'suċċess it-taħriġ ta' induzzjoni.

2.14. Fil-każ tal-applikanti li jgħaddu fir-riżultati f'aktar minn suġġett/qasam/ċiklu wieħed (1), il-persuna tiġi mpjegata fis-suġġett/qasam/ċiklu skont id-diskrezzjoni tal-MEYR.

2.15. Il-MEYR għandu d-dritt li jassenja u/jew jibgħat il-persuna magħżula biex iservi fi kwalunkwe Kulleġġ, Skola, u Istituzzjoni Edukattiva, inkluż ukoll fuq bażi shared f'Malta u f'Għawdex, skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

2.16 Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

2.17 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru 2023 u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar 2024, il-Bord tal-Għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

a.Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunke kunflitt ta' interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-Dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli hawn).

**Dmirijiet**

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Għalliem jinsabu fl-Anness A mehmuż ma' din iċ-Ċirkolari.

**Rekwiżiti tal-Eliġibbilita'**

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu

i. a. ċittadini ta' Malta; **jew**
   b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; **jew**
   c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; **jew**
   d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; **jew**
   e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; **jew**
   f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.'

**Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunita` Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identita` skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.**

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża sabiex jitwettqu b'mod suffiċjenti u adegwat d-dmirijiet li għalihom saret l-applikazzjoni;

**U**

(iii) fil-pussess ta' Warrant ta' Għalliem (Permanenti) maħruġ mill-Kunsill għall-Professjoni ta' Għalliema (CTP) taħt l-Artikolu 24 (2) tal-Att dwar l-Edukazzjoni;

Madankollu, kandidati li ma jkollhomx Warrant (Permanenti) ta' Għalliem maħruġ mis-CTP imma li eventwalment jikkwalifikaw għal wieħed skont l-Artikolu 24 (2) tal-Att dwar l-Edukazzjoni jistgħu wkoll japplikaw. Il-Ħatra tagħhom bħala Għalliema jingħata bil-kundizzjoni li se jakkwistaw Warrant ta' Għalliem (Permanenti/Temporanju) bi qbil mal-artikoli rilevanti tal-istess Att. L-applikanti li jiġu offruti impjieg mal-MEYR għandhom jissottomettu applikazzjoni onlajn għal warrant ġdid jew tiġdid tal-warrant temporanju permezz tal-link li ġej: https://education.gov.mt/public-bodies/council-for-the-teaching-profession/

Il-warrant temporanju dejjem jiskadi fil-31 ta' Awwissu u għandu jiġġedded kull sena skolastika.

**U**

(iv) ikollhom Warrant ta' Għalliem (Permanenti) flimkien ma' kwalifika rikonoxxuta fit-tagħlim/kors fil-pedagoġija fil-Livell 6 tal-MQF, kif definit f'din is-sejħa u l-Appendiċi tagħha u li għandhom mhux inqas minn ħmistax-il (15) sena esperjenza ta' tagħlim, u jgħallmu s-suġġett/qasam/ċiklu li qed japplikaw għalih fi skola liċenzjata;

**JEW**

(v) ikollhom Ċertifikat ta' Għalliem jew ikunu temmew b'suċċess il-Kors ta' Għalliem Gradwat, it-tnejn f'Livell 6 tal-MQF organizzati mid-Diviżjoni tal-Edukazzjoni, bis-suġġett li applikaw għalih meħud bħala s-suġġett ewlieni fil-Kors ta' Taħriġ għal Għalliem;

**JEW**

(vi) ikollhom kwalifika ta' tagħlim rikonoxxuta f'Livell 6/7 tal-MQF, kif definit f'din is-sejħa u fl-Appendiċi A, li tinkludi s-suġġett/qasam li għalih saret applikazzjoni bħala qasam ewlieni ta' studju u li tissodisfa aktar eliġibilità kif definit fl-Appendiċi B jekk applikabbli, għas-suġġett /qasam/ċiklu li applikaw għalih;

**JEW**

(vii) ikollhom kwalifika ta' tagħlim rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF, kif definit f'din is-sejħa u fl-Appendiċi tagħha, f'suġġett/i

fiċ-ċiklu tas-Sekondarja, flimkien ma' kors t'adattament rikonoxxut mill-Awtoritajiet Edukattivi;

**JEW**

(viii) ikollhom kwalifika rikonoxxuta ta' tagħlim/kors fil-pedagoġija f'Livell 6 tal-MQF kif definit f'din is-sejħa u fl-Appendiċi tagħha u li għandhom minimu ta' 60 krettu ECTS f'Livell 6 tal-MQF fis-suġġett/qasam li applikaw għalih, anke jekk il-kwalifika/kors ta' tagħlim/ pedagoġija li għandhom, kif definit f'din is-sejħa u fl-Appendiċi tagħha, mhuwiex fis-suġġett/qasam/ċiklu li applikaw għalih;

**JEW**

(ix) l-applikanti li rreġistraw għal u sussegwentament ingħataw kwalifika (Master) rikonoxxuta f'Livell 7 tal-MQF minimu ta' 60 krettu ECTS jew ekwivalenti* fis-suġġett li qed japplikaw għalih, qabel id-29 ta' Lulju 2008, u li ġew mogħtija Warrant ta' Għalliem (Permanenti) skont Artikolu 41 tal-Att dwar l-Edukazzjoni, irid ikollhom ukoll kwalifika ta' tagħlim rikonoxxuta fil-Livell 6/7 tal-MQF, kif definit f'din is-sejħa u Appendiċi A, fis-suġġett/qasam/ċiklu li applikaw għalih.

Madankollu, jekk applikant għandu fil-pussess tiegħu Warrant ta' Għalliem (Permanenti), iżda m'għandux kwalifika ta' tagħlim rikonoxxuta fil-Livell 6/7 tal-MQF, kif definit f'din is-sejħa u l-Appendiċi tagħha, huwa xorta waħda eliġibbli biex japplika bil-kundizzjoni li l-applikant jipprovdi evidenza dokumentata li hu / hi ġie kkonfermat, (jiġifieri m'għadux taħt probation u ħadem għal sena skolastika sħiħa) fil-grad ta' Għalliem, u għallem is-suġġett / qasam / ċiklu li għalih saret applikazzjoni, fi skola liċenzjata li toffri edukazzjoni obbligatorja.

(x) L-applikanti li għandhom fil-pussess kwalifika tat-tagħlim fl-Edukazzjoni fi Snin Bikrin jew fil-Primarja, kif definit f'din is-sejħa u fl-Appendiċi tagħha, jrid ikollhom fil-pussess tagħhom ukoll:

(a) Tliet (3) Ċertifikati tal-Edukazzjoni Sekondarja (SEC grad 1-5) u /jew Livell Ordinarju ("O" Level grad A-C jew 9-4) fil-Livell 3 tal-MQF jew kwalifika komparabbli pertinenti rikonoxxuta, fil-lingwa Maltija, fil-lingwa Ingliża u fil-Matematika.

Dment li applikant li ma jissodisfax dawn ir-rekwiżiti (f'paragrafu x (a)) xorta jkun eliġibbli li japplika jekk ikollu Warrant Permanenti ta' Għalliem, u kien jgħallem full-time fi skola liċenzjata li toffri edukazzjoni obligatorja għal perjodu ta' mhux inqas minn ħames (5) snin skolastiċi fl-aħħar għaxar (10) snin skolastiċi.

(b) Applikanti li daħlu għal wieħed mill-korsijiet stipulati f' paragrafu (x) u Appendiċi A bħala studenti maturi u temmew b'suċċess dawn il-kors huma eżenti mid-dispożizzjonijiet ta' paragrafu (x)(a) sakemm jipproduċu testimonjanza f'dan is-sens mill-istituzzjoni rilevanti.

* Kwalifika ta' Masters rikonoxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS hija aċċettata biss bil-kundizzjoni li dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent tal-Masters mill-MQRIC tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-klawsola 5.4 tad-dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali). Kwalifika ta' Masters rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'inqas minn 60 krettu ECTS hija aċċettabbli sakemm jiġi vverifikat mill-MQRIC jew l-Universita' ta' Malta li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli ma' mill-inqas 60 krettu ECTS.

**Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anki jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.**

4.2. Kull referenza għal kwaliki rikonoxxuti ta' tagħlim jew kors pedagoġiku Appendiċi A: https://peoplemanagement-education.gov.mt/wp-content/uploads/2026/03/Appendix-A-Teacher-Call-2026-2027.pdf msemmi hawn fuq.
Barra min hekk L-applikanti huma meħtieġa wkoll jirreferu għall-Appendiċi B billi jaċċessaw dan il-link: https://peoplemanagement-education.gov.mt/wp-content/uploads/2026/03/Appendix-B-Teacher-Call-2026-2027.pdf ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet li tindika aktar dettalji u rekwiżiti ta' eliġibbilita' fil-qasam tal-eliġibbilita' tas-suġġetti elenkati fil-paragrafu 1.2.

L-applikanti, li jixtiequ japplikaw għal suġġetti li mhumiex elenkati fl-Appendiċi B, għandhom jirreferu għall-paragrafi fit-taqsima 4.1 u Appendiċi A għar-rekwiżiti ta' eliġibbilita'.

4.3 i. Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali **kwalifika sal-31 ta' Diċembru 2026** . Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

Għalhekk in-nuqqas li tingħata din l-evidenza jwassal għat-tneħħija mil-lista ta' mertu ta' riżultat u jekk tali applikant ikun ingaġġat, il-ħatra tiegħu/tagħha bħala Għalliem/a tiġi mibdula għal dik ta' Għalliem/a Supplimentari u l-ingaġġ ikun fuq

bażi definita għas-sena skolastika 2026/2027, li tista' tiġi tiġġedded għal perjodi oħra

ii. Kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikant prospettivi għandhom jinnotaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifik tagħhom mill-MQRIC, jew awtorita' pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar l'isfel).

4.4. Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta ġiet effettiva l-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa t'applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor t'eliġibbilta' għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa t'applikazzjonijiet.

4.5 Uffiċjali pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali li jappartjenu għall-Klassi/Stream tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq il-bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, il-livell ta' eliġibbilta' meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is-snin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe rekwiżit ieħor ta' eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni għandu jintlaħaq f'termini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.6. Hija r-responsabbiltà tal-applikant li jippreżenta dikjarazzjoni ta' komparabbiltà maħruġa mis-CTP għal kwalifiċi tat-Tagħlim, li tikkonferma il-komparabbiltà tal-kwalifikazzjoni skont paragrafi 4.1 sa 4.3 u Appendiċi A. Dawk li għandhom kwalifika ta' tagħlim, kif imsemmija f'Appendiċi A, m'għandhomx għalfejn jippreżentaw dikjarazzjoni tal-komparabbiltà.

**Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni**

5.1Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/transkrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopji tagħhom għandhom jiġu skennjati u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal tal-Edukazzjoni: https://edurecruitment.gov.mt

L-applikanti li jixtiequ jipprovdu dokumentazzjoni 'l hinn minn dak rikjest mis-sejħa, inkluż rapporti tal-prattika ta' tagħlim, għandhom iġibuhom magħhom jekk u meta jissejħu għall-intervista. Ċertifikati tad-Diploma/Degree/Post-Graduate jew kwalifiċi rikonoxxuti komparabbli għandu jkollhom magħhom transcript, bl-Ingliż (Diploma/Certificate supplement), li juri l-Grad miksub u l-klassifikazzjoni finali.

5.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**Proċeduri tal-Għażla**

6.1. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi determinatmin hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-process tal-għażla hija ta' 800 u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 400. Bħala parti mill-intervistà l-applikanti eliġibbli huma mistennija li:

a. Jagħtu preżentazzjoni diġitali ta' 5 sa 7 minuti bl-Ingliz li juru l-ħila' sħiħa fil pedagoġija u fl-assesjar f'ambjent inklusiv fil-suġġett/qasam/ċiklu li tkun saret applikazzjoni għalih.

b. Juru għarfien professjonali, kompetenzi u attitudnijiet permezz ta' studju/i (ta'każijiet) u sensiela ta' mistoqsijiet bil-Malti.

L-applikanti eliġibbli għandhom jġibu laptop/tablet tagħhom u jipprovdu lill-bord tal-għażla verżjoni stampata tal-preżentazzjoni. fin-nuqqaas ta' laptop/tablet, il-kandidati huma meħtieġa li jkollhom aċċess għall-preżentazzjoni permezz ta' memory stick.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1- 4.6, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

6.3. Il-persuna magħżula taħt paragrafu 4.3 titqiegħed fil-lista ta' ordni ta' mertu bil-kundizzjoni li tkun ikkwalifikata kompletament jew tkun temmet b'suċċess il-kwalifika ta' tagħlim sal-31 ta' Diċembru 2026. Jekk ma tiġix sodisfatta xi waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq, iwassal għat-tneħħija mil-lista tal-ordni ta'mertu

**Sottomissjoni tal-Applikazzjoni**

7.1 L-applikanti jistgħu japplikaw għal aktar minn waħda mill-għażliet imsemmija f'paragrafu 1.2 hawn fuq, billi japplikaw separatament għal kull suġġett/ċiklu/qasam. Madankollu, hija l-prerogattiva tal-MEYR li jagħżel liema suġġett/i u/jew ċiklu/i u/jew qasam/oqsma joffri lill-kandidati magħżulin, skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta u l-MEYR.

7.2. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, permezz tar-Recruitment Portal tal-Edukazzjoni biss https://edurecruitment.gov.mt L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-employment history).

Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija **l-5.15 pm (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Mejju, 2027.** Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.3. Minħabba l-esiġenżi tal-MEYR, il- proċess tal-għażla għall-ewwel jikkunsidra applikazzjonijiet li jkunu waslu **sal-5.15 pm (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 20 t' April, 2026.** Madankollu, wara l-ewwel data tal-għeluq fejn ma teżisti l-ebda post battal f'ċiklu/suġġett/qasam, il-profil għal dak iċ-ċiklu/suġġett/qasam partikolari jingħalaq u jibqa' magħluq sakemm isseħħ vakanza. F'każijiet bħal dawn, tinħareġ notifika li tirreklama li ċ-ċiklu/suġġett/qasam partikolari issa huwa miftuħ u ser jibqa' miftuħ sakemm jimtela dak il-post battal.

Dawk l-applikanti magħżulin f'kull ċiklu/suġġett/qasam jitqiegħdu f'lista ta' ordni tal-mertu li tibqa' valida għal sena (1) mid-data tal-pubblikazzjoni jew sakemm il-lista tar-riżultati tkun eżawrita, liema waħda minn dawn tkun l-ewwel.

Madankollu, jekk l-ordni tal-mertu tiġi eżawrita minħabba vakanzi addizzjonali fiċ-ċiklu/suġġett/qasam imsemmi f'paragrafu 1.2, applikanti oħra jistgħu jiġu assessjati mingħajr il-ħruġ ta' sejħa ġdida għall-applikazzjonijiet, sakemm ikun ssottomettew l-applikazzjoni sa l**-5.15 pm (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Mejju, 2027**. Jekk teħtieġ assistenza ġentilment għamel kuntatt fuq in-numru 25980000.

7.4. L-applikanti għandhom, wara li jiġu offruti l-ingaġġ u jirċievu l-Formola ta' Notifika ta' Deployment (DNF) mibgħuta mid-Direttorat tar-Riżorsi għall-Edukazzjoni, iġeddu l-warrant temporanju tagħhom onlajn permezz tal-link: https://education.gov.mt/renewal-warrants/. L-applikanti huma meħtieġa jipprovdu kopja PDF tal-formola ta' Notifika ta' Deployment (DNF) ma' l-applikazzjoni għat-tiġdid tal-warrant temporanju.

7.5 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.6 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.7 Applikanti jingħataw sa jumejn xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

**Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra**

8. **Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:**

- benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
- applikazzjonijiet laterali;
- bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilità;
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki ;
- kwalifiki f'livell ogħla;
- livell komparattiv tal-impjegati tas-settur pubbliku;
- rinunzji ta' applikazzjonijiet pendenti;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;
- eżami mediku;

- proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
- żamma ta' dokumenti;

jistgħu jiġu aċċessati fl-indirizz https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf
Dawn il-provvedimenti ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.